**IL-FEHIM MILL-QARI** **(30 marka)**

**A. Aqra din l-informazzjoni dwar il-kelb Gerfex.**



Gerfex kien kelb imdaqqas ta' razza mħallta. Kien sab ruħu għand il-familja ta' Roderick bla ħsieb ta' xejn. Il-papa` kien sabu jiġġerra barra qrib il-post tax-xogħol, għamel ħbieb miegħu u ħadu d-dar biex irabbih. Kien ta' lewn kannella ċar u kellu xagħru twil u mġiegħed, aktarx maħmuġ għax kien iħobb jitmiegħek mal-art. Il-papa`, għalhekk, kien semmieh *Gerfex*, iżda seta' laqqmu *il-Qalil*! Il-kelb ukoll kien imqareb f'dik id-dar!

* * *

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-informazzjoni li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.**

1. Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux **Veru** jew **Falz**. (2 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. | Gerfex kien kelb ta' razza pura. | ___________ |
| b. | Il-kelb ma tantx kien iħobb iżomm ruħu nadif. | ___________ |



LIVEWORKSHEETS

2. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✔ fil-kaxxa tal-lemin. (2 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | Missier Roderick kien sab il-kelb | qrib id-dar tagħhom. | |
| | | qrib il-post tax-xogħol. | |
| | | mill-ħanut tal-annimali. | |
| b. | Fid-dar ta' Roderick | ħadd ma kien imqareb. | |
| | | il-kelb biss kien imqareb. | |
| | | kulħadd kien imqareb. | |

3. Mill-informazzjoni mogħtija, sib u ikteb is-sentenza li turi li l-familja ta' Roderick ma kinux qed jippjanaw li jġibu kelb. (marka)

____________________________________________________________

4. Taħseb li missier Roderick kien iħobbhom il-klieb? Għaliex taħseb hekk? (2 marki)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

5. Imla l-vojt. (3 marki)

a. Il-kulur ta' Gerfex kien ______________.

b. Billi kien iħobb joqgħod mal-art, il-kelb kien ikun spiss ______________.

c. Gerfex kien kelb imdaqqas, jiġifieri kien ta' daqs ______________.



LIVEWORKSHEETS